Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16171/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0422(COD)**

COPEN 454
DROIPEN 166
ENV 1322
JAI 1703
CODEC 2053

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15006/22 |
| Nru dok. Cion: | 14459/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2 COR 1 + ADD 3 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali<br>- Approċċ ġenerali |

Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva approċċ ġenerali fir-rigward tal-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq.

It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness. Il-bidliet fir-rigward tat-test tal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b’tipa grassa (għaż-żidiet) u b’test ingassat (għat-tħassir).

L-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

ANNESS

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu[...] 83(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent.

[1] ĠU C, , p. .

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u d-dritt settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pieni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pieni amministrattivi.

(4) Jenħtieġ li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq l-aktar ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu sabiex jittejbu kemm l-effett ta' deterrent tagħhom kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet dwarhom.

(5) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkriminalizzaw il-kategoriji ta' reati u jipprevedu preċiżjoni akbar dwar id-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' reati, u armonizzazzjoni dwar it-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet.

---

[2] Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009[3] u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[5], jenħtieġ li ċerta mġiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008[6] tiġi stabbilita bħala reat kriminali.

[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (COM/2020/380 final).

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-imġiba tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni [...] **li għandha l-għan li ssegwi wieħed mill-objettivi tal-politika ambjentali tal-Unjoni, u li tkun ġiet adottata, b'mod partikolari, abbażi tal-Artikoli 91, 114, 168 jew 192 TFUE,** jew **skont** il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment u, f'ċerti każijiet, anke meta titwettaq b'**mill-inqas** negliġenza serja. L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew korriment serju lil persuni, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent **jenħtieġ ukoll li** tikkostitwixxi[...] reat kriminali meta titwettaq b'**mill-inqas** negliġenza serja. **Din id-Direttiva ma teħtieġx l-introduzzjoni tal-kunċett ta' mill-inqas negliġenza serja għal kull element tar-reat, bħall-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ, it-tqegħid fis-suq u elementi simili. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-responsabbiltà kriminali għal każijiet fejn il-kunċett tal-inqas negliġenza serja jkun relatat ma' ċerti elementi tar-reat, bħall-istatus ta' protezzjoni, kwantità negliġibbli, jew il-probabbiltà li l-att jikkawża dannu sostanzjali.** L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam. **Sakemm ma jkunx definit espressament f'din id-Direttiva, jenħtieġ li t-termini użati f'din id-Direttiva jiġu interpretati fis-sens tal-atti legali rispettivament u speċifikament applikabbli għal imġiba partikolari, meta jkunu definiti f'dawk l-atti. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma jkollhiex l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali kif minquxa fl-Artikolu 6 TUE, inkluż il-prinċipju ta'** ***nullum crimen, nulla poena sine lege*****.**

(8) Jenħtieġ li imġiba titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet**, fost l-oħrajn,** b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. **Fil-fatt, il-pussess ta' tali awtorizzazzjoni ma jipprekludix ir-responsabbiltà kriminali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, sakemm l-awtorizzazzjoni ma tkunx illegali u d-detentur ma kellux għarfien ta' din l-illegalità jew ma setax ma jkunx jaf biha. Barra minn hekk, meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, il-fatt li l-awtorizzazzjoni tkun legali ma jipprekludix proċedimenti kriminali kontra d-detentur tal-awtorizzazzjoni li ma jikkonformax mal-obbligi speċifiċi kollha tal-awtorizzazzjoni jew ma' obbligi legali rilevanti oħra mhux koperti mill-awtorizzazzjoni.**

**(8bis)** Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dawk nazzjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali. **Xi reati kriminali f'din id-Direttiva jinkludu limitu kwalitattiv li jirrikjedi li l-imġiba tikkawża mewt jew korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti. Peress li tali ħsara tista' tirriżulta fi ħsara lill-bijodiversità u lis-servizzi tal-ekosistema, jenħtieġ li l-limitu kwalitattiv jinftiehem f'sens wiesa' inkluż, fejn rilevanti, ħsara sostanzjali lill-fawna u l-flora, lill-ħabitats u lis-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali.**

(9bis) **Fost reati oħra, din id-Direttiva tiddefinixxi reat li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq, bi ksur ta' projbizzjoni jew rekwiżit ieħor immirat lejn il-protezzjoni tal-ambjent, ta' prodott, li l-użu tiegħu jirriżulta fir-rimi, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma, li jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw mewt jew korriment serju lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti bħala riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar. F'dan il-kuntest, l-użu fuq skala akbar jirreferi għall-effett ikkombinat tal-użu tal-prodott minn diversi utenti, minkejja n-numru tagħhom, sakemm ir-reat ma jikkawżax jew x'aktarx ma jikkawżax ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem.**

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma’ eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta’ żmienna u kwistjoni ta’ ekwità interġenerazzjonali. **Ir-referenzi f'din id-Direttiva għat-termini rilevanti fid-dritt ambjentali tal-Unjoni użati għall-fini ta' definizzjoni ta' mġiba illegali jenħtieġ li jiġu interpretati, fejn applikabbli, f'konformità mad-definizzjonijiet previsti fid-dritt ambjentali tal-Unjoni koperti b'din id-Direttiva.** [...] **Din** id-Direttiva jenħtieġ **għalhekk** li tkopri wkoll [...] **atti tal-Unjoni li jemendaw dispożizzjonijiet jew rekwiżiti rilevanti għad-definizzjoni ta’ mġiba illegali li taqa’** [...] taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ reati kriminali definiti skont din id-Direttiva [...]. **Meta jabbozzaw tali atti emendatorji tal-Unjoni, il-leġiżlaturi huma mħeġġa jinkludu referenza għal din id-Direttiva.** Madankollu, meta **kategoriji ġodda ta’ mġiba illegali li għadhom mhumiex koperti mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva jiġu definiti fid-dritt ambjentali tal-Unjoni**, tenħtieġ **emenda għal** [...] din id-Direttiva **biex tinkludi dawk** [...] il-kategoriji ġodda ta' **mġiba illegali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha** [...].

(11) Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi użati għad-definizzjoni ta' reati kriminali ambjentali jenħtieġ li jiġu ċċarati billi tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jenħtieġ li jitqiesu**, fejn rilevanti,** meta jiġu vvalutati tali limiti mill-awtoritajiet li jinvestigaw, jibdew proċedimenti kontra u jiddeċiedu dwar ir-reati. Jenħtieġ li dan jippromwovi l-applikazzjoni koerenti tad-Direttiva u ġlieda aktar effettiva kontra r-reati ambjentali kif ukoll jipprevedi ċertezza legali. Madankollu, tali limiti jew l-applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li ma jagħmlux l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati kriminali diffiċli żżejjed.

**(11bis) Fejn imġiba illegali prevista f'din id-Direttiva, imwettqa intenzjonalment, tikkawża l-mewt lil xi persuna, jenħtieġ li l-intenzjoni tiġi interpretata f'konformità mal-liġijiet nazzjonali. Għalhekk, tista' tinftiehem, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bħala l-intenzjoni li tiġi kkawżata l-mewt, jew tista' tkopri wkoll is-sitwazzjoni li fiha l-awtur ikun aġixxa, jew qagħad lura milli jaġixxi, volontarjament u bi ksur ta' obbligu partikolari, iżda mingħajr ma ried jew aċċetta l-mewt ta' xi persuna li madankollu seħħet. L-istess loġika tapplika meta mġiba illegali prevista f'din id-Direttiva, imwettqa intenzjonalment, tikkawża korriment serju lil xi persuna.**

**(11ter) Fir-rigward tar-reati kriminali previsti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-kunċett ta' mill-inqas negliġenza serja jiġi interpretat f'konformità mad-dritt nazzjonali.**

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tad-drittijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri.

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom imwettqa intenzjonalment ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali li jikkawża mewt jew korriment serju ta' persuna, ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. **It-termini massimi ta' priġunerija previst f'din id-Direttiva għar-reati msemmijin fiha jenħtieġ japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' reati bħal dawn. Is-sistemi tad-dritt kriminali tal-Istati Membri kollha jinkludu dispożizzjonijiet dwar omiċidju, jew imwettaq intenzjonalment jew b'negliġenza serja. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikorru għal dawk id-dispożizzjonijiet ġenerali, inkluż dispożizzjonijiet dwar ċirkostanzi aggravanti, meta jittrasponu d-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva relatati ma' reati li jikkawżaw il-mewt lil kwalunkwe persuna, kemm jekk imwettqa intenzjonalment kif ukoll jekk b'negliġenza serja.**

**(14a)** Is-sanzjonijiet **jew miżuri** aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali **fil-**proċedimenti [...]. [...] **Dawk is-sanzjonijiet jew il-miżuri jistgħu** [...] jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni **temporanji jew permanenti** mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inkluż il-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

(15) **Sa fejn imġiba li tikkostitwixxi reat ambjentali hija attribwibbli għal persuni ġuridiċi** [...], **it-tali** persuni ġuridiċi jenħtieġ [...] li jkunu [...] responsabbli għal reati kriminali ambjentali, **kif definiti** [...] f'din id-Direttiva. **L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom jipprevedi għar-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet kriminali effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha.** L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li l-**liġijiet nazzjonali** [...] tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet **mhux kriminali** effettivi, [...] dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha. **Il-livelli massimi ta' multi previsti f'din id-Direttiva għar-reati msemmijin fiha jenħtieġ japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' reati bħal dawn.** [...] **Jenħtieġ li titqies il-gravità tal-kondotta, kif ukoll iċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn** tal-persuni ġuridiċi, biex tiġi żgurata l-**effettività**, id-dissważività u **l-proporzjonalità** tas-sanzjoni imposta. **Fir-rigward tal-livelli massimi tal-multi fid-dritt nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jew jużaw perċentwal tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika kkonċernata, jew jistgħu jiddeterminaw il-livell massimu tal-multi f'ammonti assoluti. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeċiedu liema alternattiva jagħżlu meta jittrasponu din id-Direttiva.**

(15a) **Meta, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-multi li għandhom jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi, l-Istati Membri jagħżlu li jimplimentaw il-kriterju tal-fatturat totali dinji ta' persuna ġuridika, jenħtieġ li huma jiddeċiedu jekk jikkalkulawx il-fatturat dinji totali abbażi tas-sena kummerċjali ta' qabel dik li fiha twettaq ir-reat, jew is-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni dwar il-multi, meta jittrasponu din id-Direttiva. Jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jipprevedu regoli għal każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont ta' multa fuq il-bażi tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena kummerċjali ta' qabel dik li fiha twettaq ir-reat, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel id-deċiżjoni dwar il-multi. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ ikun possibbli li jitqiesu kriterji oħra, bħall-fatturat dinji totali f'waħda mis-snin ta' negozju preċedenti l-oħra. Fejn dawk ir-regoli jinkludu l-iffissar ta' ammonti ta' multi f'numri assoluti, il-livelli massimi ta' dawn ma għandhomx għalfejn jilħqu l-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva bħala r-rekwiżit minimu għal-livell massimu ta' multi ddeterminati f'ammonti assoluti.**

(15b) **Fejn l-Istati Membri jagħżlu livell massimu ta' multi ddeterminati f'ammonti assoluti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti t-tali livelli fid-dritt nazzjonali. L-ogħla livelli ta' tali multi jenħtieġ japplikaw għall-aktar forom serji ta' reati previsti f'din id-Direttiva, li jitwettqu minn persuni ġuridiċi finanzjarjament b'saħħithom. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-metodu ta' kalkolu ta' dawk il-livelli ta' multi inkluż kundizzjonijiet speċifiċi għall-ogħla livelli ta' dawk il-multi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mistiedna jirrevedu regolarment il-livelli tal-multi ddeterminati f'ammonti assoluti fir-rigward tar-rati tal-inflazzjoni u fluttwazzjonijiet oħra fil-valur monetarju, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri li ma għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom jenħtieġ li jipprevedu livelli massimi ta' multi fil-munita tagħhom li jikkorrispondu mal-livelli ddeterminati f'din id-Direttiva f'euro fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk l-Istati Membri huma mistiedna jirrevedu regolarment il-livelli wkoll fir-rigward tal-iżvilupp tar-rata tal-kambju.**

(15c) **Id-definizzjoni tal-livell massimu ta' multi huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali. Peress li din id-Direttiva ma tistabbilixxi l-ebda livell minimu ta' multi, l-imħallfin jew il-qrati jenħtieġ li, fi kwalunkwe każ, jimponu sanzjonijiet xierqa filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika kkonċernata u l-gravità tal-imġiba. Filwaqt li jenħtieġ li jitqies il-livell massimu tal-multa prevista għar-reat kriminali rispettiv minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-multa attwali imposta f'każ individwali ma jkollhiex għalfejn tilħaq il-livell massimu tal-multa ddeterminat minn din id-Direttiva.**

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. **Il-kunċett ta' ċirkostanzi aggravanti jenħtieġ li jinftiehem jew bħala fatti li jippermettu lill-imħallef jagħti sentenza ogħla għall-istess reat minn dik normalment imġarrba mingħajr dawn il-fatti, jew bħala l-possibbiltà li jinżammu diversi reati b'mod kumulattiv sabiex jiżdied il-livell tas-sanzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà ta' mill-anqas waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti f'konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa' fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddeterminaw l-ammont attwali tas-sanzjoni, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ individwali.** [...] **Fejn** reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara li twassal għal [...] **qerda jew** ħsara **sostanzjali** irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. [...]

**(17)** [...] Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-prinċipji ġenerali tad-dritt kriminali nazzjonali dwar l-għoti tas-sentenzi jew l-applikazzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull każ individwali. **Fir-rigward ta' sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeċiedu liema tip ta' sanzjonijiet jew miżuri għandhom jitqiesu bħala xierqa. B'mod partikolari, fir-rigward tal-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat f'perjodu partikolari, sakemm il-ħsara tkun riversibbli, din id-Direttiva ma teħtieġx li awtorità ġudizzjarja, jekk tkun intitolata li timponi dan l-obbligu skont id-dritt nazzjonali, jenħtieġ li tkun responsabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu. Bl-istess mod, fir-rigward tal-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet li rriżultaw li wettqu r-reat, jekk it-tali sanzjoni tista' tiġi imposta skont id-dritt nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jenħtieġ ikunu jistgħu jew jimponuha huma stess fil-proċedimenti tagħhom stess, jew li awtorità kompetenti oħra tiġi infurmata u tkun tista' taġixxi skont ir-regoli proċedurali nazzjonali tagħha. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li timponi s-sanzjonijiet jew il-miżuri fuq persuna ġuridika jenħtieġ li tiġi applikata f'konformità mad-dritt għall-privatezza u mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jirregolaw l-anonimizzazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti jew id-durata tal-pubblikazzjoni.**

**(18)** [...] L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

**(19)** [...] Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tad-dritt amministrattiv u kriminali fir-rigward tar-reati ambjentali skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u ta' sanzjonijiet amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-projbizzjoni ta' *ne bis in idem*.

**(20)** [...] Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv.

**(21)** [...] Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat.

**(22)** [...] L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. **Meta l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-perjodi ta' limitazzjoni, dment li l-perjodu jista' jiġi interrott jew sospiż fil-każ ta' atti speċifiċi, tali atti jistgħu jiġu definiti skont is-sistema legali ta' kull Stat Membru.**

(23) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tat-trasgressuri ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex jiġġieldu tali mġiba b'mod effettiv**. L-Istati Membri jenħtieġ jikkooperaw ukoll mal-Eurojust, b'mod partikolari abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], f'każijiet fejn jistgħu jinqalgħu konflitti ta' kompetenza. Il-ġuriżdizzjoni stabbilita fuq reati mwettqa abbord vapur jew inġenju tal-ajru rreġistrat fih jew li jtajjar il-bandiera tiegħu jenħtieġ tqis l-istandards relatati li diġà jeżistu taħt konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. Din id-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri jistabbilixxu mill-ġdid tali ġuriżdizzjoni fuq reati li, minħabba n-natura tagħhom, ma jistgħux jitwettqu abbord vapur jew inġenju tal-ajru.**

**(23a) L-Istati Membri huma obbligati wkoll li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq reati definiti f'din id-Direttiva meta l-ħsara li tifforma parti mill-elementi kostitwenti tar-reat tkun seħħet fit-territorju tagħhom. F'konformità mad-dritt nazzjonali, din il-forma ta' ġuriżdizzjoni tista' tkun koperta taħt il-ġuriżdizzjoni stabbilita fuq reati mwettqa kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu, f'konformità mal-prinċipju tat-territorjalità.**

---

[7] **Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138–183).**

**(24)** [...] Biex jiġi żgurat infurzar b'suċċess, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għodod investigattivi effettivi għal reati ambjentali bħal dawk li jeżistu fid-dritt nazzjonali tagħhom għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra, **jekk u sa fejn l-użu ta' dawk l-għodod ikun xieraq u proporzjonat għan-natura u l-gravità tar-reati kif definiti fid-dritt nazzjonali. Għodod** [...] **bħall-**interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluż is-sorveljanza elettronika, il-kunsinni kkontrollati, il-monitoraġġ ta' kontijiet bankarji u għodod oħra ta' investigazzjoni finanzjarja **jistgħu jiġu inklużi**. Dawn l-għodod jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. [...] Id-dritt tal-protezzjoni tad-data personali jrid jiġi rispettat.

**(25)** [...] Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, in-nies jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw il-benesseri tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibżgħu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni [...] jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva **[...]** tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], **li tinkludi d-Direttiva 2008/99/KE u d-Direttiva 2009/123/KE fl-ambitu tagħha. Wara s-sostituzzjoni tad-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE b'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-informaturi, bis-saħħa ta' din id-Direttiva, ikomplu jibbenefikaw minn dik il-protezzjoni mill-Istati Membri marbuta biha.**

8 Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

**(26)** [...] Persuni oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà inġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. **Il-miżuri ta' appoġġ u assistenza meħtieġa jenħtieġ li jkunu disponibbli għal tali persuni f'konformità mad-drittijiet proċedurali tagħhom fis-sistema legali nazzjonali u għandhom jinkludu mill-inqas il-miżuri kollha ta' appoġġ u assistenza disponibbli għall-persuni li jkollhom drittijiet proċedurali korrispondenti fi proċedimenti kriminali li jikkonċernaw reati kriminali oħra. Dawn** [...] il-persuni jenħtieġ li**, f'konformità mad-drittijiet proċedurali tagħhom fis-sistema legali nazzjonali**, ikunu protetti wkoll milli jiġu **ppersegwitati** [...] għar-rapportar ta' tali reati jew il-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali. **Il-kontenut tal-miżuri ta' appoġġ u tal-assistenza meħtieġa mhuwiex definit minn din id-Direttiva u jenħtieġ li jkun determinat mill-Istati Membri. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li jagħmlu disponibbli l-miżuri ta' appoġġ u assistenza lil persuni li huma suspettati jew akkużati fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali kkonċernati.**

**(27)** [...] Peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, [...][9], jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala ġid pubbliku, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti.

9 [...]

**(27a) Din id-Direttiva ma għandhiex tirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu xi drittijiet proċedurali speċifiċi għall-membri tal-pubbliku kkonċernati. Madankollu, meta tali drittijiet proċedurali għal membri tal-pubbliku kkonċernati jeżistu fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet ekwivalenti li jikkonċernaw reati kriminali oħra, pereżempju, fejn għandhom id-dritt li jipparteċipaw bħala parti ċivili, it-tali drittijiet proċedurali jenħtieġ li jingħataw ukoll lill-membri tal-pubbliku kkonċernati fil-proċedimenti li jikkonċernaw reati ambjentali definiti f'din id-Direttiva. Id-drittijiet tal-membri tal-pubbliku kkonċernati huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-vittmi kif definiti fid-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Din id-Direttiva tirrikonoxxi li l-membri tal-pubbliku kkonċernat u l-vittmi jibqgħu żewġ kunċetti distinti u l-Istati Membri mhux meħtieġa japplikaw id-drittijiet tal-vittmi lill-membri tal-pubbliku kkonċernat. Din id-Direttiva ma għandhiex tesiġi li l-Istati Membri jagħtu lill-pubbliku kkonċernat id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali li huma jagħtu lil kategoriji ta' persuni għajr il-pubbliku kkonċernat.**

**(28)** [...] In-nuqqas ta' riżorsi u ta' setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati kriminali ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom joħloq ostakli għall-prevenzjoni u l-kastig effettivi tar-reati ambjentali. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu kwalunkwe azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lit-trasgressuri jaħarbu mir-responsabbiltà jew li jirċievu kastig li ma jikkorrispondix mal-gravità tar-reat. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji minimi dwar ir-riżorsi u s-setgħat ta' infurzar.

**[10] Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57–73).**

**(29)** [...] Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jallokaw unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku jkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

(30) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti li tinkludi miżuri tad-dritt amministrattiv, ċivili u kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kooperazzjoni u komunikazzjoni interni bejn l-atturi kollha tul il-ktajjen ta' infurzar amministrattivi u kriminali u bejn l-atturi tas-sanzjonar punittiv u korrettiv. Skont ir-regoli applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-UE, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

(31) Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw, jippubblikaw**, jimplimentaw** u jirrieżaminaw perjodikament strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jistabbilixxu objettivi, prijoritajiet u miżuri u riżorsi korrispondenti meħtieġa. **L-istrateġija nazzjonali jenħtieġ li tindirizza, fost oqsma oħra, l-objettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam tar-reati, il-metodi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba, u l-assistenza tan-networks Ewropej li jaħdmu fuq kwistjonijiet direttament rilevanti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali u l-ksur relatat. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-format xieraq ta' tali strateġija li tista' tqis it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom f'termini ta' separazzjoni tas-setgħat u kompetenzi u tista' tkun jew settorjali jew parti minn dokument strateġiku usa'. Mingħajr preġudizzju għal jekk l-Istati Membri jipprevedux l-adozzjoni ta' strateġija waħda jew aktar, il-kontenut ġenerali tagħhom jenħtieġ li jinkludi t-territorju tal-Istat Membru kollu.**

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data **statistika** preċiża, konsistenti u komparabbli dwar **reati ambjentali** [...]. **Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema adegwata għar-reġistrazzjoni, il-produzzjoni u l-għoti ta' data statistika eżistenti dwar ir-reati msemmija f'din id-Direttiva. Dawn** [...] **l-istatistiki** [...] jenħtieġ li jintużaw [...] biex iservu l-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar **biex janalizzaw l-iskala ta' kif ukoll ix-xejriet fir-reati ambjentali**, kif ukoll biex jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ [...] jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

(33) Id-data statistika dwar ir-reati ambjentali miġbura skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun komparabbli bejn l-Istati Membri u miġbura abbażi ta' standards minimi komuni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi format standard għat-trażmissjoni tad-data statistika. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

(34) L-obbligi skont din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali jiġu rrispettati bis-sħiħ.

(35) [...]

[...] F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.[...]

[...]

(36) *[mhux eżistenti]*

---

11 Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(37) Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] ġiet issupplimentata bid-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew[13] u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet dwar ir-reati kriminali u l-pieni għall-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu. Tali reati u pieni jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk, għall-Istati Membri **marbuta bi** [...] f'din id-Direttiva, id-Direttiva 2009/123/KE jenħtieġ li tiġi ssostitwita**. Jenħtieġ li dik is-sostituzzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva fid-dritt nazzjonali** [...]. **Għaldaqstant, fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi għal dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/35/KE li ġew miżjuda jew sostitwiti bid-Direttiva 2009/123/KE jenħtieġ li jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. Fir-rigward tal-Istati Membri mhux marbuta b'din id-Direttiva, dawn ser jibqgħu marbuta bid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE.**

(38) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex ser tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(39) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu żgurati definizzjonijiet komuni ta' reati kriminali ambjentali u d-disponibbiltà ta' sanzjonijiet kriminali effettivi, dissważivi u proporzjonati għal reati ambjentali serji, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

12 Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

13 Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

(40) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati u l-pieni kriminali, u d-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ ta' dawk id-drittijiet u l-prinċipji u jenħtieġ li tiġi implimentata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

**1.** **It-termini użati f'din id-Direttiva għall-fini tad-definizzjoni tar-reati elenkati fl-Artikolu 3(2) u (3) għandhom jinftiehmu, fejn applikabbli, f'konformità mad-definizzjonijiet ipprovduti fl-atti legali msemmija fl-Artikolu 3(1) il-punti (a) jew (b).**

**2.** Għall-fini ta' din id-Direttiva[...]

[...]

[...][14][...][15][...]

[...] "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi[...]

[...]

[...][16].

14 [...]
15 [...]
16 [...]

*Artikolu 3*

*Reati*

1. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tikkostitwixxi reati kriminali meta dawn ikunu illegali.**

**Għall-fini ta' din id-Direttiva l-imġiba "illegali" għandha tfisser imġiba li tikser wieħed minn dawn li ġejjin:**

**(a) id-dritt tal-Unjoni li għandu l-għan li jsegwi wieħed mill-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 191(1) TFUE;**

**(b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lid-dritt tal-Unjoni msemmi fil-punt (a).**

**2. [...]** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun [...] imwettqa intenzjonalment:

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(b) it-tqegħid fis-suq, **bi ksur ta' projbizzjoni jew rekwiżit ieħor immirat lejn il-protezzjoni tal-ambjent,** ta' prodott, **li l-użu tiegħu jirriżulta fir-rimi, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma,** li [...] jikkawża jew x'aktarx jikkawża mewt jew korriment serju lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti bħala riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

(c) il-manifattura, l-introduzzjoni **jew it-tqegħid** fis-suq, **l-importazzjoni, l-esportazzjoni** jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluż l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

(i) din l-[...]**imġiba** tkun ristretta skont it-Titolu VIII u l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17]; jew

(ii) din l-[...]**imġiba** tkun ipprojbita skont it-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

(iii) din l-[...]**imġiba** ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]; jew

(iv) din l-[...]**imġiba** ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19]; jew

(v) din l-[...]**imġiba** tkun taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]; jew

---

17 Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

18 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1–50).

19 Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123).

20 Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

(vi) din l-[...]**imġiba** tkun ipprojbita skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21],

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

**(c)bis il-manifattura, l-użu, il-ħżin, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkurju, tal-komposti tal-merkurju u tat-taħlitiet tal-merkurju u tal-prodotti miżjudin bil-merkurju bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw mewt jew korriment serju lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;**

(d) **għall-iżviluppatur tal-proġett, kif definit fl-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22],** l-eżekuzzjoni ta' proġetti msemmija fl-Artikoli 1(2)(a) **u 4(1) u (2) u elenkata fl-Anness I jew II** ta' **dik** id-Direttiva [...][23], mingħajr kunsens għall-iżvilupp [...], **u** li tikkawża jew x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali **lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-[...]istatus tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;**

---

21 Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

22 **Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).**

23 [...]

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta **tali** mġiba [...]:

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u **meta tikkonċerna** [...] kwantità mhux negliġibbli;

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(f) il-vjeġġi ta' skart, fit-tifsira tal-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] meta tali vjeġġ **jikkonċerna** [...] kwantità mhux negliġibbli, kemm jekk isir fi vjeġġ wieħed jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

---

24 Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

25 Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

(g) **għas-sid, kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (14) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], ta' bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament,** ir-riċiklaġġ ta' bastiment[...][27] mingħajr ma jikkonforma mar-rekwiżiti **msemmija fl-**[...]Artikolu 6(2), il-punt (a) ta' dak ir-Regolament, **li jimponu r-riċiklaġġ fil-faċilitajiet tar-riċiklaġġ ta' bastimenti li huma inklużi fil-Lista Ewropea stabbilita skont l-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament**;

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] [...], fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva **minn bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għas-sitwazzjonijiet deskritti fl-**[...]Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva. **Dan il-paragrafu** [...] ma għandux japplika għal każijiet [...] **minuri**, fejn l-**att imwettaq** [...] ma jikkawżax deterjorazzjoni fil-kwalità tal-ilma, sakemm **l-addizzjoni ta'** każijiet **minuri** ripetuti [...]**, li individwalment jagħmlu dan,** [...] ma tirriżultax f'deterjorazzjoni fil-kwalità tal-ilma;

---

26 **Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).**

27 [...]

28 Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

(i) it-[...]tħaddim jew **l-għeluq** [...] ta’ installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi[...] jew [...] **taħlitiet** perikolużi**, meta tali mġiba u tali attività, sustanza jew taħlita perikoluża taqa'** [...] fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]**[...] jew tad**-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] [...][31]**, u meta tali mġiba** [...] tikkawża jew x’aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti; **[*Jekk Direttiva li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma tiġi adottata qabel din id-Direttiva, il-punt (i) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.*]**

**(i)bis il-kostruzzjoni, it-tħaddim u ż-żarmar ta' installazzjoni, meta tali mġiba u tali installazzjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], u meta tali mġiba tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil xi persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;**

---

29 Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar il-kontroll ta’ perikli ta’ inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

30 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

31 [...]

32 Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta’ materjal **jew sustanzi** radjuattivi**, meta tali mġiba u tali materjal jew sustanza taqa'** [...] fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom[33]**[...] jew** id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom[34] [...][35], u meta tali mġiba [...] tikkawża jew li x’aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta’ taħt l-art **fit-tifsira tad-Direttiva 2000/60/KE**[36] li tikkawża jew li x’aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta’ taħt l-art;

---

33 Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta’ sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

34 Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta’ Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta’ installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

35 [...]

36 **Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1–73).**

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta’ eżemplar jew eżemplari ta’ speċijiet ta’ fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV [...] **jew** V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[37] u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta’ tali eżemplari;

(m) il-kummerċ ta’ eżemplari ta’ speċijiet ta’ fawna jew flora selvaġġi jew ta’ partijiet jew ta’ derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97[39], ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta’ tali eżemplari;

(n) l-introduzzjoni [...] fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali**,** jew ta' prodotti tal-injam **idderivati minn tali njam, bi ksur tal-projbizzjonijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-**[...]Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli; [*jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta’ ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b’reat kriminali fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta’ dak ir-Regolament.*]

---

37 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

38 Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

39 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta’ Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

40 Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

(o) Kwalunkwe mġiba li tikkawża d-deterjorament ta' ħabitat, **jew id-disturbanza ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Anness II (a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[41],** f'sit protett, fit-tifsira tal-Artikolu 6(2) ta' **dik** [...] id-Direttiva [...][42], meta din id-deterjorazzjoni **jew id-disturbanza** tkun sinifikanti. **Ħabitat f'sit protett tfisser kwalunkwe ħabitat ta' speċijiet li għalih żona hija kklassifikata bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43], jew kwalunkwe ħabitat naturali jew ħabitat ta' speċijiet li għalih sit jintgħażel bħala żona speċjali ta' konservazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew li għalih sit ikun elenkat bħala sit ta' importanza Komunitarja f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE;**

(p) **l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, it-tqegħid fis-suq, iż-żamma, it-tnissil, it-trasport, l-użu, l-iskambju, il-permess għar-riproduzzjoni, it-tkabbir jew il-kultivazzjoni, ir-rilaxx fl-ambjent,** [...] jew it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni meta:

(i) l-imġiba tikser ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] **u tikkawża jew x'aktarx tikkawża mewt jew korriment serju li xi persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;**

---

41 **Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).**

42 [...]

43 Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

44 Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta’ permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta’ awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x’aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(q) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni**[...] jew** l-użu[...] ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] jew **il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni** ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn tali sustanzi; **[*Jekk Regolament dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (q) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.*]**

(r) [...] it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, [...] l-użu[...] jew ir-rilaxx ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jew **it-tqegħid fis-suq jew l-importazzjoni** ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn tali gassijiet. **[*Jekk Regolament dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jemenda d-Direttiva 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament 517/2014 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (r) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.*]**

45 Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1–30).

46 Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195–230).

**3.** [...] L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu **2** [...], il-punti (a), (b), (c), **(c)bis,** [...] (e), (f), (h), (i), **(i)bis,** (j), (k), **(l),** (m), (n), **(o),** [...] (q), (r) tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettaq b'mill-inqas negliġenza serja.

**4.** [...] [...]**Sabiex jiġi vvalutat** jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali [...] **fit-tifsira tal-**paragrafu **2** [...], il-punti (a) sa **(d),** (e) **(ii)**, (i), **(i)bis,** (j), (k) u (p) **(i) u (ii), għandu jitqies wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, fejn rilevanti**:

(a) il-kundizzjoni bażi tal-ambjent affettwat;

(b) jekk il-ħsara tkunx fit-tul, fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq perjodu ta' żmien qasir;

[...]

**(c)** [...] il-firxa tal-ħsara;

**(d)** [...] ir-reversibbiltà tal-ħsara.

**5.** [...] [...] **Sabiex jiġi vvalutat** jekk l-attività x'aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-ajru, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità **jew l-istatus** tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti [...] **fit-tifsira tal-**paragrafu **2** [...], il-punti (a) sa **(d),** (e) **(ii)**, (i), **(i)bis,** (j), (k) u (p) **(i) u (ii), għandu jitqies wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, fejn rilevanti:**

(a) l-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża **għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, u** teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata;

(b) il-punt sa fejn jinqabżu l-valuri, il-parametri jew il-limiti stabbiliti [...] **f'wieħed mill-atti elenkati fil-paragrafu 1, il-punti (a) jew (b),** jew f'awtorizzazzjoni maħruġa għall-attività;

(c) jekk il-materjal jew is-sustanza tkunx ikklassifikata bħala perikoluża jew inkella elenkata bħala ta' ħsara għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

**6.**[...] [...]**Sabiex jiġi vvalutat** jekk il-kwantità hijiex negliġibbli jew mhux negliġibbli [...] **fit-tifsira tal-**paragrafu **2** [...], il-punti (e) **(i)**, (f), (l), (m), (n)**, għandu jitqies wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, fejn rilevanti**:

(a) l-għadd ta' oġġetti soġġetti għar-reat;

(b) il-punt sa fejn jinqabeż [...] limitu regolatorju, valur jew parametru obbligatorju ieħor **previst f'wieħed mill-atti elenkati taħt il-paragrafu 1, il-punti (a) jew (b)**;

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

(d) il-kost tar-restawr tal-ħsara ambjentali**, meta kwantifikabbli.**

*Artikolu 4*

*Tixwix, għajnuna u kompliċità u tentattiv*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni, u l-għajnuna u l-assistenza għat-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali **mwettaq intenzjonalment** imsemmija fl-Artikolu 3**(2)**[...] u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq **intenzjonalment** kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3 **(2)**[...] il-punti (a), (b), (c), **(c)bis,** [...] (e), (f), (h), (i), **(i)bis,** (j), (k), (m), (n), (p) **(i) u** (ii), (q), (r) [...] ikun punibbli bħala reat kriminali.

*Artikolu 5*

*Pieni għal persuni fiżiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ikunu punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reati msemmija fl-Artikolu 3**(2) il-punti (a), (b), (c), (c)bis, (e), (i), (i)bis, (j), u (p)** ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas għaxar snin jekk jikkawżaw [...] mewt [...] lil kwalunkwe persuna.

**3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(3), sa fejn jirreferi għall-Artikolu 3(2) punti (a), (b), (c), (c) bis, (e), (i), (i) bis u (j), ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin jekk jikkawżaw mewt lil kwalunkwe persuna.**

**4.** [...] L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3[...]**(2)**, il-punti (a) sa (j), (n), (q), **u** (r) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas **ħames** [...] snin.

**5.** [...] L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3[...]**(2)** il-punti (k), (l), (m), (o), **u** (p) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas **tliet** [...] snin.

**6.** [...] L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet **kriminali jew mhux kriminali** jew miżuri addizzjonali li **jistgħu** [...] jinkludu:

(a) l-obbligu li l-ambjent jerġa' jiġi restawrat f'perjodu ta' żmien partikolari**, dment li l-ħsara tkun riversibbli, jew, meta l-ħsara tkun irriversibbli, l-obbligu li jiġu kkumpensati l-kostijiet marbuta mal-ħsara lill-ambjent**;

(b) multi;

(c) [...] esklużjonijiet mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;

(d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

(e) rtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;

[...]

[...]

*Artikolu 6*

*Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta tali reati jkunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, abbażi ta':

   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

   (b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;

   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

*Artikolu 7*

*Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) **jew (2)** tkun punibbli b'sanzjonijiet **jew miżuri kriminali jew mhux kriminali** li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) **jew (2)** għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu **multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet jew miżuri kriminali jew mhux kriminali oħra, bħal**:

[...]

**(a)** [...] l-obbligu li l-ambjent jerġa' jiġi restawrat f'perjodu ta' żmien partikolari**, dment li l-ħsara tkun riversibbli, jew, meta l-ħsara tkun irriversibbli, l-obbligu li jiġu kkumpensati l-kostijiet marbuta mal-ħsara lill-ambjent**;

**(b)** [...] esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

**(c)** [...] esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;

**(d)** [...] skwalifika mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

**(e)** [...] irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;

**(f)** [...] tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

**(g)** [...] stralċ ġudizzjarju;

**(h)** [...] għeluq tal-istabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat;

[...]

**(i)** [...] il-pubblikazzjoni tad-[...]deċiżjoni **kollha jew parti minnha li timponi s-**sanzjonijiet [...] jew il-miżuri [...].

**3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, tal-anqas għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 6(1), ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) ikunu punibbli b'multi kriminali jew mhux kriminali, li l-ammont tagħhom għandu jkun proporzjonat mal-gravità tal-imġiba u għaċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika kkonċernata. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-livell massimu tal-multi ma jkunx inqas minn:**

**(a) 5 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel dik li fiha twettaq ir-reat, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel id-deċiżjoni tal-multi, għar-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) il-punti (a) sa (j), (n), (q), u (r), u 3 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel dik li fiha r-reat ikun twettaq ir-reat, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel id-deċiżjoni tal-multi, għar-reati msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (k), (l), (m), (o), u (p);**

**jew, b'mod alternattiv**

**(b) ammont li jikkorrispondi għal EUR 40 miljun għal reati msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (a) sa (j), (n), (q), u (r), u EUR 24 miljun għal reati msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (k), (l), (m), (o), u (p).**

**Meta jipprevedu multi skont l-Artikolu 7(3), il-punt (a), l-Istati Membri jistgħu jipprevedu regoli għal każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa abbażi tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat, jew fis-sena kummerċjali ta' qabel id-deċiżjoni tal-multi.**

[...]

*Artikolu 8*

*Ċirkostanzi aggravanti*

Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux diġà jagħmlu parti mill-elementi li kostitwenti tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, **wieħed jew bosta** miċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu**, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali,** jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

[...]

**(a)** [...] ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema **kif definit fl-Artikolu 2(13) tar-Regolament (UE) 2020/852**[47];

**(b)** [...] ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill[48];

**(c)** [...] ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati **mit-trasgressur**;

**(d)** [...] ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu/dmirijietha;

**(e)** [...] it-trasgressur **ikun preċedentement ġie kkundannat għal reati tal-istess natura b'mod definittiv taħt l-Artikolu 3 jew 4** [...]

[...]

---

[47] **Regolament (UE) Nru 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43).**

[48] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

[...][49][...]

*Artikolu 9*

*Ċirkostanzi mitiganti*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, ċirkostanza **waħda jew uħud** miċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu**, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali,** jitqiesu bħala ċirkostanzi mitiganti:

(a) it-trasgressur jerġa' jirrestawra n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha, **meta dan ma jkunx obbligu skont id-Direttiva 2004/35/KE**[50];

(b) it-trasgressur jagħti lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji informazzjoni li ma kienx jirnexxielhom jiksbu b'mod ieħor, u jgħinhom:

(i) jidentifikaw jew iressqu quddiem il-qorti lit-trasgressuri l-oħra;

(ii) isibu evidenza.

---

**49** [...]

**50** Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56–75).

*Artikolu 10*

*Friżar u konfiska*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex **jippermettu l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mir-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3 u 4.**

**L-Istati Membri marbuta bid-**[...]Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] **għandhom jagħmlu dan f'konformità ma' dik id-Direttiva.**[...]

**51** Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

*Artikolu 11*

*Perjodi ta' preskrizzjoni għal reati kriminali*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-**deċiżjoni** [...] ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom [...] jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja ta':

   (a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas għaxar snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat[...];

   (b) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas **ħames** [...] snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas **ħames** [...] snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat[...];

   (c) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas **tliet** [...] snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas **tliet** [...] snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat[...].

[...]

**3** [...] L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-infurzar ta’:

(a)

**(i)** **piena ta’ aktar minn ħames snin priġunerija; jew alternattivament**

**(ii)** piena ta' priġunerija f'każ ta' reat kriminali li huwa punibbli b'piena massima ta' mill-inqas għaxar snin ta' priġunerija,

imposta wara kundanna finali għal reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4, ta' mill-inqas għaxar snin mid-data tal-kundanna finali;

(b)

**(i)** **piena ta’ aktar minn sena priġunerija; jew alternattivament**

**(ii)** piena ta' priġunerija f'każ ta' reat kriminali li huwa punibbli b'piena massima ta' mill-inqas **ħames** [...] snin ta' priġunerija,

imposta wara kundanna finali għal reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4, ta' mill-inqas **ħames** [...] snin mid-data tal-kundanna finali[...] **u**

(c)

**(i)** **piena ta' mhux aktar minn sena priġunerija; jew alternattivament**

**(ii)** piena ta' priġunerija f'każ ta' reat kriminali li huwa punibbli b'piena massima ta' mill-inqas **tliet** [...] snin ta' priġunerija,

imposta wara kundanna finali għal reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4, ta' mill-inqas **tliet** [...] snin mid-data tal-kundanna finali.

[...]

**4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' preskrizzjoni li jkun iqsar minn għaxar snin, iżda mhux iqsar minn ħames snin, dment li l-perjodu jkun jista' jiġi interrott jew sospiż f'każ ta' atti speċifikati.**

*Artikolu 12*

*Ġuriżdizzjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta:

(a) ir-reat ikun twettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu;

(b) ir-reat ikun twettaq abbord bastiment jew ajruplan irreġistrat fih jew li jtajjar il-bandiera tiegħu;

(c) id-dannu **li jifforma parti mill-elementi kostitwenti tar-reat** ikun seħħ fit-territorju tiegħu;

(d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu[...].

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għal **wieħed jew aktar** reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

**(a) it-trasgressur ikun wieħed mir-residenti abitwali tiegħu;**

**(b)**[...] ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

**(c)**[...] ir-reat ikun twettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew mir-residenti abitwali tiegħu;

**(d)**[...] ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[52], il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) u (d), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunx soġġett għall-kundizzjoni li prosekuzzjoni tkun tista' tinbeda biss wara denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.

*Artikolu **13** [...]*

*Għodod ta' investigazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi **u proporzjonati** [...] ikunu [...] disponibbli wkoll għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4. **Meta dawk ir-reati jkunu serji, għandhom ikunu disponibbli għodod investigattivi speċjali, bħal dawk użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.**

[52] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

*Artikolu **14** [...]*

*Protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw reati ambjentali jew jassistu fl-investigazzjoni*

[...] **Mingħajr preġudizzju** [...] għad-Direttiva (UE) 2019/1937[...], **l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe persuna li tirrapporta reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva, u li tipprovdi evidenza jew inkella tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' proċedimenti kriminali li jikkonċernaw tali reati tista', f'konformità mad-drittijiet proċedurali tagħha taħt is-sistema legali nazzjonali, tibbenefika mill-miżuri ta' appoġġ u assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.**

[...]

*Artikolu **15** [...]*

*Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] **l-persuni affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw ir-rekwiżiti skont id-dritt nazzjonali** [...] jkollhom drittijiet **proċedurali** xierqa [...] fi proċedimenti kontra reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 [...]**, fejn jeżistu tali drittijiet proċedurali għall-pubbliku kkonċernat fl-Istat Membru fi proċedimenti rigward reati kriminali oħra.**

*Artikolu **16** [...] [maqbul proviżorjament]*

*Prevenzjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, **immirati biex inaqqsu** [...] r-reati kriminali ambjentali inġenerali, [...] **iqajmu** sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u [...] **jnaqqsu** r-riskju li l-popolazzjoni [...] ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

*Artikolu **17** [...]*

*Riżorsi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu **18** [...]*

*Taħriġ*

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat [...] regolari [...] rigward l-objettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

*Artikolu 19*

*Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali ambjentali u fil-ġlieda kontrihom. Tali mekkaniżmi għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:

(a) l-iżgurar ta' prijoritajiet komuni u l-fehim tar-relazzjoni bejn l-infurzar kriminali u l-infurzar amministrattiv;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet strateġiċi u operazzjonali, **fil-limiti stabbiliti fir-regoli applikabbli**;

(c) konsultazzjoni f'investigazzjonijiet individwali**, fil-limiti stabbiliti fir-regoli applikabbli;**

(d) l-iskambju tal-aħjar prattika;

(e) l-assistenza lin-networks Ewropej ta' prattikanti li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali u l-ksur relatat,

u jistgħu jieħdu l-forma ta' korpi ta' koordinazzjoni speċjalizzati, memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, in-networks nazzjonali tal-infurzar u attivitajiet konġunti ta' taħriġ.

*Artikolu 20*

*Strateġija nazzjonali*

1. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati kriminali ambjentali sa** [...] [*[...] sena wara li jkun* ***skada l-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*** *[...]*]

   **L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jimplimentaw it-tali strateġija mingħajr dewmien żejjed.** [...]

   [...]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi riveduta u aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn ħames snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jitqiesu l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

*Artikolu 21*

*Ġbir ta' data u statistika*

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema għar-reġistrazzjoni, il-produzzjoni u l-forniment ta'** data statistika **anonimizzata** [...] **li tkejjel il-fażijiet ta' rapportar, investigattivi u ġudizzjarji li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 sabiex** tiġi mmonitorjata l-effettività tas-sistemi tagħhom fil-ġlieda kontra r-reati kriminali ambjentali.

2. Id-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 għandhom**, bħala minimu, jinkludu data eżistenti dwar:**

**(a) l-għadd ta' trasgressuri rreġistrati mill-Istati Membri;**

**(b) l-għadd ta' persuni fiżiċi li huma**

**(i) imħarrka,**

**(ii) ikkundannati;**

**(c) l-għadd ta' persuni fiżiċi li huma**

**(i) imħarrka,**

**(ii) ikkundannati jew immultati;**

**(d) it-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet imposti.**

[...]

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom tiġi ppubblikata b'mod regolari.

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 f'format standard stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika regolarment rapport ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat għall-ewwel darba tliet snin wara li jkun ġie ddeterminat il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22.

*Artikolu 22*

*Setgħat ta' implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format standard għat-trażmissjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 21(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

2. Għall-finijiet tat-trażmissjoni tad-data statistika, il-format standard għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

   (a) klassifikazzjoni komuni tar-reati ambjentali;

   (b) fehim komuni tal-unitajiet tal-għadd;

   [...]

   **(c)** [...] format komuni ta' rapportar.

*Artikolu 23*

*Proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 24*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-drittijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*[...]* ***30*** *[...] xahar wara* ***d-data tad-****dħul fis-seħħ tad-Direttiva*]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward. [...]

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. **Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.** L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 25*

*Evalwazzjoni u rapportar*

1. Sa *[[...]sentejn wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni* ***ta' din id-Direttiva***], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

[...]

**2.** [...] Sa *[[...]ħames snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni* ***ta' din id-Direttiva***], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport, **inkluż sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal-Artikoli 16 sa 20**.

*Artikolu 26*

*Sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE*

Id-Direttiva 2008/99/KE hija sostitwita fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva fid-dritt nazzjonali. Fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Direttiva 2008/99/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. Fir-rigward tal-Istati Membri mhux marbuta b'din id-Direttiva, dawn għandhom jibqgħu marbuta bid-**Direttiva 2008/99/KE** [...].

*Artikolu 27*

***Sostituzzjoni** [...] tad-Direttiva **2009/123/KE** [...]*

Id-Direttiva 2009/123/KE**, li temenda d-Direttiva 2005/35/KE,** għandha [...] **tiġi sostitwita fir-rigward** tal-Istati Membri [...] **marbuta b'**din id-Direttiva [...], **mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva fid-dritt nazzjonali.**

**Fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Direttiva 2009/123/KE li ġew miżjuda jew sostitwiti bid-Direttiva 2009/123/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.**

**Stati Membri mhux marbuta b'din id-Direttiva għandhom jibqgħu marbuta bid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE.**

*Artikolu 28*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 29*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*